**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 ta` Ottubru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Nezeren Grixti)**

**Vs**

**MARIO FARRUGIA**

**KUMP NRU 503/2002**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, MARIO FARRUGIA** detentur tal-karta tal-identita` numru **291170(M)**, gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-20.06.2002, u matul l-ahhar seba' xhur qabel dina d-data gewwa St.Venera u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti;

a) **Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga Eroina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta'Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet

tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**b)** Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellek **fil-pussess tieghek droga Eroina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li forni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta'Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

c) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi **kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi **ikkommeta dan ir-reat** fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, Club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lill jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni originali tal-21/06/2002 tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza ssir mill-Qorti Kriminali;

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tat-28 ta` Jannar 2008 (ara *folio* 267), fejn bis-sahha ta` l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, ordna li l-kawza odjerna tinstema mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Qieset l-atti processwali;

Semghet xhieda bil-gurament u qieset id-depozizzjoni ta` l-imputat inniffsu;

Semghet sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat;**

**Punti Preliminari**

A. Jehtieg li ssir parentezi zghira u generali dwar id-dewmien li ha dan il-process. Diversi fatturi kkontribwew ghal dan il-fatt, fosthom izda mhux biss, il-fatt li fit-12 ta` Lulju 2004, l-atti ta` din il-kawza flimkien ma hafna ohrajn, kienu gew distrutti minhabba nirien li hakmu l-awla fejn kienu qed jinzammu u naturalment, ir-rikostruzzjoni tal-process jiehu z-zmien; fatt iehor li

kkontribwixxa kien jikkonsisti fil-fatt li l-Avukat Generali kien baghat dawn l-atti sabiex permezz ta` Att ta` Akkuza, setghu jigu decizi mill-Qorti Kriminali, izda sussegwentement, l-istess Avukat Generali, skond il-ligi, ddecieda li jerga jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex effettivament dawn l-atti jigu decizi minn din il-Qorti. Fatt iehor mhux ta` ftit importanza hu li l-kawza kienet ilha skedata ghall-provi tad-difiza propju mis-seduta tal-5 ta` Mejju 2008;

B. Dwar l-istqarrija li l-imputat ta lill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet nhar il-21 ta` Gunju 2002, din il-Qorti tiddikjara minnufih li tali stqarrija ser tigi kompletament skartata u dana fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" [Referenza Kostituzzjonali Nru 104/2016 JZM] moghtija fis-27 ta` Gunju 2017 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali – Onor. Imh. Joseph Zammit McKeon);

C. Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process peress illi, kif inhu f'dan il-kaz, minkejja l-htiega tar-rikostruzzjoni tal-process, dak kollu li rrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatt fil-qosor li taw lok ghall-proceduri ordjerni kienu s-segwenti.

1. Nhar l-20 ta' Gunju 2002 ghall-habta tas-01:30pm kienet qed issir osservazzjoni mill-pulizija qrib garage gewwa St. Joseph High Road, St. Venera. Meta f'hin minnhom l-imputat dahal f'dan il-garaxx, huwa gie avvicinat mill-pulizija. Seta jigi nnutat li l-imputat kien ghadu kif jasal mix-xoghol tieghu bhala bajjad ghax kien kollu trab;

2. Saret tfittxija fil-garage u nstabu oggetti komunement maghrfua mat-tehid u traffikar ta' droga, u cioe', *Aluminiun foil*, roll tape wiesgha ta' kulur kannella, zewg paketti boroz tal-*plastic* trasparenti godda, *aluminium foil* mahruq, borza tal-*plastic* b'tracci ta' trab kannella allegatament eroina, *aluminium foil* forma

ta’ pipa, xafra mahruqa bil-manku isfar kif ukoll diversi bicciet tal-boroz tal-plastic bi tracci ta’ trab kannella allegatament eroina;

3. Tkompliet it-tfittxija fl-appartament tal-imputat gewwa 363, Flat 2, gewwa l-istess Triq msemmija, bieb ma’ bieb mal-istess garage. Din it-tfittxija kienet fin-negattiv;

4. Tkompliet it-tfittxija gewwa l-*washroom* u fuq il-bejt tal-istess appartament. Minn gewwa l-*washroom* gew elevati mizien manwali tar-ram, tlett bicciet boroz tal-*plastic* kif ukoll pakkett rizla papers;

5. Waqt li kienet qed issir din l-operazzjoni, l-imputat talab sabiex imur igib xkupa. Huwa thalla jaghmel hekk mill-pulizija izda l-istess pulizija zammet ghajnejha fuqu. Fil-fatt, f’hin minnhom, il-pulizija ratu jimxi fid-direzzjoni opposta taghhom fuq l-istess bejt u meta l-pulizija regghet avvicinatu, l-imputat intlemah jarmi bhal *pouch*, ta` kulur abjad, ghal isfel minn fuq il-bejt, liema *pouch* jidher li gie ghal gol-bitha (giardina) tal-kazin tal-Partit Laburista;

6. Immedjatament saret tfittxija fil-gnien tal-kazin imsemmi, fil-prezenza tal-President tal-kazin Alfred Vassallo, hemm instab il-*pouch* abjad. Go dan l-istess *pouch* instab li kien hemm sustanza/trab ta` kulur kannella, u s-suspett kien li din setghet kienet eroina;

7. A bazi ta’ dan kollu, kompliet l-investigazzjoni u sussegwentement l-imputat tressaq il-Qorti biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi jirrizulta mill-provi, a sodisfazzjon tal-Qorti, illi l-garage *de quo* kien jintuza wkoll, apparti mill-imputat, min huh Noel Farrugia u mill-missier, Carmelo Farrugia. Hu l-imputat, Noel Farrugia, kien persuna li kien juza d-droga.

Minhabba dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti taghmilha cara illi legalment, ma jistax jinghad li saret ir-rabta konvincenti u konklussiva skond il-ligi bejn l-oggetti li nstabu

fil-garage u l-imputat. Ghalhekk dawn l-oggetti ma jistghux legalment u ragonevolment ikunu attribwibbli lill-imputat.

Illi mhux l-istess jista jinghad ghall-oggetti misjuba fil-*washroom* li tinsab fuq il-bejt tal-appartament tal-imputat. Dawn l-oggetti huma certament, skond il-ligi, attribwibbli lilu. Anke l-*pouch* ta' kulur abjad huwa attribwibbli lill-imputat. Il-prova li hu kien il-persuna li ramieh minn fuq il-bejt ghall-gol-bitha tal-kazin tal-Partit Laburista, hija wahda li ma thalli ebda ekwivoku.

**Ikkunsidrat**;

Illi xehed Mariano Pirrone nhar l-10 ta' Lulju 2002 (fol. 81 *et seq*). Dan ix-xhud, viva voce, jidentifika lill-imputat bhala l-persuna li pprokura madwar sitt sapuniet - *cannabis smoke* - ta' madwar 250 grammi l-wahda - lil Gary Buttigieg. Ix-xhud kien prezenti ghal din l-operazzjoni li sehhet quddiem il-garage tal-imputat ftit l-isfel mill-Fabbrika tas-7-Up f'Santa Venera. Ra wkoll il-flus ghaddejjin. Kien hemm ukoll okkazjoni fejn ix-xhud ra lil Gary Buttigieg jixtri l-eroina minghand Mario Farrugia fl-istess post f' Santa Venera. Dan kollu sehh fil-perjodu indikat fl-imputazzjoni.

Illi x-xhud, espert nominat, l-ispizjar Mario Mifsud jikkonferma illi huwa sab eroina (dik l-istess sustanza misjuba fil-*pouch* mormi mill-imputat) fl-ammont ta' 30.335 grammi (ara *folios* 153 u 169), b'purita ta' circa 45%.

Illi gie ppruvat - ara depozizzjoni tal-Perit Arkitett Richard Aquilina *a folio* 204 - li l-lok indikat fejn l-imputat kien jipprokura s-sustanzi illegali, kien jinkwadra ruhu fil-mitt metru kkontemplat fil-ligi (ara partikolarment ir-rapport tal-Perit Aquilina li jinsab *a folio* 206 u specifikatament *folio* 208).

**Ikkunsidrat**;

Illi r-rizultanzi processwali lkoll flimkien, partikolarment dawk identifikati hawn fuq, igibu lill-imputat passabbli ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu. Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat Mario Farrugia skond il-ligi. Is-sejba ta` l-eroina u l-ammont taghha, kif ukoll il-kontenut tad-

depozizzjoni tax-xhud Mariano Pirrone, ilkoll huma ta` piz sostanzjali fuq l-imputat f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Dwar il-piena din il-Qorti qed tqis, fost affarijiet ohra, l-ammont ta` eroina misjuba, l-ammont ta` cannabis li pprokura l-imputat, iz-zmien twil li ha dan il-process biex jintemm, il-fedina penali ta` l-imputat, id-depozizzjoni ta` Gordon Grech, ufficjal tal-probation, is-*social inquiry report* ipprezentat mill-istess ufficjal tal-probation u naturalment il-parametri li tikkontempla l-ligi meta tindirizza l-piena.

**Konkluzjoni**.

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 9, 8(a)(b), 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) bil-*proviso* u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39), ssib lill-imputat MARIO FARRUGIA hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta` wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija u multa ta` elfejn euro (€2000).**

**Bis-sahha ta` l-Arikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Mario Farrugia jhallas minnufih lir-registratur l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li kienu gew mahtura fl-istadju tal-proces verbal tal-inkjesta.**

Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur